# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Nru.: 52/16MH**

**Illum 15 ta' Mejju, 2017**

**Sandra Abdilla [K.I. 254373M]**

**vs**

**Direttur Generali (Dwana)**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors ta' Sandra Abdilla** tal-20 ta' Jannar 2016.

Rat **ir-risposta tad-Direttur Generali (Dwana)** tad-19 ta' Frar 2016[1] fejn espona:

*(1) Illi in linea preliminari, l-azzjoni odjerna hi tardiva ai termini tal-Artikolu 28 tal-Kap 382 peress li jirrizulta car li l-azzjoni odjerna giet intavolata wara t-trapass ta' tletin gurnata mid-data li fiha inghata avviz li n-Nota ta' Qbid datata 4 ta' Novembru, 2015 u li iggib in-numru ta' referenza 185/2015, kienet se tigi kontestata quddiem il-Qorti Civili kompetenti, permezz tal-ittra ufficcjali*

[1] Fol 6 et seq

*li giet ipprezentata fit-3 ta' Dicembru, 2015 u li giet innotifikata lid-Dwana fl-10 ta' Dicembru, 2015. Ghalhekk, it-talba ghandha tigi meqjusa dezerta;*

*(2) Illi fir-rigward tal-mertu, l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti kif dedotti fir-Rikors Promotur huma infondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti li qed jigu elenkati minghajr pregudizzju ghal xulxin:*

*(i) Illi jirrizulta mill-fatti tal-kaz, li lancja Christian II li ghandha n-numru MFC 6996, twaqqfet mill-membri tal-Forzi Armati fil-vicinanzi tal-fish-farms qrib Wied il-Ghajn f'cirkostanzi suspettuzi ferm. Fil-fatt, il-membri tal-ekwipagg tal-imsemmija lancja kienu gew osservati itellghu abbord kaxex ta' sigaretti li mill-investigazzjonijiet irrizultaw sdazjati, li kienu qed jinxtehtu l-bahar minn bastiment iehor li kien vicin hafna tal-lancja Christian II. Fil-fatt, meta l-imsemmija lancja giet intercettata u telghu abbord membri tal-Forzi Armati ta' Malta, instab li fuq l-imsemmija lancja kien hemm il- Kaptan Piero di Bartolo u persuna ohra li jismu Trafford Vella. Illi minn tifittxija li saret abbord dak il-hin, instab li f'lokazzjonijiet diversi kien hemm kwantita kbira ta' sigaretti sdazjati go kaxxi u kull kaxxa kienet imgezwra go borza sewda tal-plastic. Illi ghalhekk il-lancja Christian II giet ordnata tidhol fil-Port il-Kbir taht skorta tal-Forzi Armati sabiex isiru aktar investigazzjonijiet ta' dan l-akkadut;*

*Illi meta l-lancja Christian II kienet skortata u sussegwentement rabtet mal-moll maghruf bhala Deep Water Quay fil-Port il-Kbir, l-ufficcjali tad-Dwana ghamlu tfittxijia estensiva abbord l-imsemmija lancja fejn skoprew l-ammont ta' tletin (30) kaxxa sigaretti tal-marka Business Royals b'hamsin (50) kartuna ta' mitejn (200) sigarett f'kull kartuna ghal ammont ta' tlett mitt elf (300,000)*

*sigarett sdazjat; kif ukoll tnax (12) il-kaxxa sigaretti tal-marka American Legend b'hamsin (50) kartuna ta' mitejn (200) sigarett f'kull kartuna ghall-ammont ta' mija u ghoxrin elf (120,000) sigarett sdazjat;*

*Illi fuq l-ammont komplessiv ta' erba mija u ghoxrin elf (420,000) sigarett sdazjat li instabu abbord l-imsemmija lancja, kienu dovuti l-ammonti ta' sitta u sittin elf, sitt mija u hamsa u sebghin Ewro (€66,675) dazju tas-SISA; seba t'elef u hmistax-il Ewro u tmienja u sittin centezmu (€7015.68) dazju ta' importazzjoni u hmistax-il elf, erba mija u sitta u hamsin Ewro u tnejn u sebghin centezmu (€15,456.72) taxxa fuq il-valur mizjud, li komplessivament jammontaw ghall-ammont ta' disa u tmenin elf, mija u seba u erbghin Ewro u erbghin centezmu (€89,147.40) f'telf ta' erarju pubbliku. Ghalhekk, l-ufficcjali tad-Dwana ipprocedew bin-Noti ta' Qbid numru 184/2015 fir-rigward tas-sigaretti sdazjati li instabu abbord l-imsemmija lancja (liema Nota ta' Qbid ma gietx kontestata) u numru 185/2015 fir-rigward tal-mezz tal-garr u cioe l-lancja Christian II ai termini tal-Kap 37 u 382;*

*(ii) Illi f'dan ir-rigward ghandu jinghad li, l-Artikolu 68 u 69 tal-Kap 37 jipprovdi b'mod car li l-konfiska ta' kull mezz ta' garr li xjentement tkun giet uzata fil-habi jew trasport ta' oggetti li fuqhom ma jkunx gew imhallsin jew kawtelati t-taxxi relattivi hija wahda tassattiva. Fil-fatt, l-esponent jissottometti li taht din il-ligi specjali ma hemm ebda limitazzjoni jew eccezzjoni ghal tali konfiska kontemplata. Effettivament, dak li jrid jigi pruvat mill-esponent a bazi ta' probabilita, huwa sempliciment li l-lancja Christian II intuzat bhala mezz ta' garr tal-imsemmija sigaretti sdazjati, irrispettivament mill-fatt lil min tali lancja kienet tappartjeni, jew jekk il-persuna li ghaliha kienet tappartjieni il-lancja*

*kienetx direttament jew indirettament konsapevoli ta' dak li kienu qed jaghmlu l-membri tal-ekwipagg fil-mument li inqabdu in flagrante;*

*(3) Inoltre, ir-rikorrenti ghandha rimedji ordinarji fil-ligi jekk jidirlha li xi membru tal-ekwipagg agixxa illegalment kontra l-interessi taghha li irrizultaw fil-qbid tal-lancja Christian II;*

*(4) Salv eccezzjonijiet ulterjuri, jekk ikun il-kaz.*

*Ghaldaqstant, l-esponent bir-rispett jitlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti fir-Rikors bhala infondata fil-fatt u fid-dritt; bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.*

Rat il-lista tax-xhieda annessa mar-risposta tad-Direttur Generali.

Rat **id-digriet taghha tad-29 t'April**[2] permezz ta' liema ordnat li f'dan l-istadju jinstemghu biss il-provi dwar l-ewwel eccezzjoni preliminari tad-Direttur Generali (Dwana).

Rat ix-xhieda u d-dokumenti mressqa mill-partijiet dwar din l-eccezzjoni.

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet waqt is-seduta tat-22 ta' Frar 2017.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza dwar din l-eccezzjoni preliminari[3].

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

---

[2] Fol 15
[3] Verbal tas-seduta tat-22 ta' Frar 2017 a fol 65

**Ikkunsidrat:**

Permezz ta' dawn il-proceduri r-rikorrenti qeghda tikkontesta Nota ta' Qbid ta' bastiment mahruga mill-intimat ghax fil-fehma taghha tali bastiment ma' kellux ikun suggett ghall-imsemmi qbid u ghandu ghalhekk jigi rilaxxat.

Minn naha l-ohra d-Direttur intimat qieghed jopponi t-talba tar-rikorrenti ghaliex isostni li n-Nota ta' Qbid impunjata nharget skont il-ligi wara li minn tfittxija li saret minn membri tal-Forzi Armati u ufficjali tad-Dwana fuq il-bastiment in kwistjoni nstabu eluf ta' sigaretti sdazjati. Mill-investigazzjonijiet li saru rrizulta li fuq dawn is-sigaretti misjuba kienu dovuti eluf ta' Ewro f'dazju tas-Sisa, dazju ta' mportazzjoni u taxxa fuq il-valur mizjud, kollha f'telf ghall-erarju pubbliku. Ghaldaqstant inharget Nota ta' Qbid fir-rigward tas-sigaretti sdazjati (li ma gietx kontestata) u n-Nota ta' Qbid mertu ta' dawn il-proceduri fir-rigward tal-mezz tal-garr u cioe' l-lancja Christian II a tenur tal-Kap 387 u l-Kap 382.

Mill-atti tal-kaz jirrizulta li –

i. **Fl-4 ta' Novembru 2015** inharget Nota ta' Qbid Nru 185/2015 permezz ta' liema r-rikorrenti giet infurmata li Bastiment bl-isem ta' *Christian II – MFC 6996* ghall-valur ta' €12,500 gie maqbud mid-Dipartiment tad-Dwana. Ir-raguni moghtija ghal tali qbid kien li fid-19 t'Awwissu 2015, il-bastiment imsemmi ntuza bhala mezz ta' garr ta' oggetti suggetti ghall-konfiska taht l-Ordinanza tad-Dwana u l-Att dwar id-Dazju tas-Sisa. Dan sehh bi ksur tal-artikoli 68(1), 69 (1) (2), tal-Ordinanza tad-Dwana, Kap 37 u kif ukoll tal-artikolu 17 (2) tal-Att dwar id-Dazju tas-Sisa, Kap 382 tal-Ligijiet ta' Malta[4];

ii. **Fit-3 ta' Dicembru 2015** ir-rikorrenti pprezentat ittra ufficjali kontra l-intimat permezz ta' liema gharrfitu illi hija kienet qed tikkontesta tali qbid u li kienet ser tibda

[4] Fol 25

proceduri quddiem il-Qorti kompetenti sabiex jigi dikjarat li tali bastiment ma kellux jigi hekk maqbud[5]. L-intimat gie notifikat **fl-10 ta' Dicembru 2015**[6];

iii. **Fl-20 ta' Jannar 2015** gie ntavolat ir-rikors odjern minn Sandra Abdilla quddiem din il-Qorti sabiex tigi kontestata n-Nota ta' Qbid Nru 185/2015[7].

**In linea preliminari** l-intimat qajjem din l-eccezzjoni li hija l-mertu tas-sentenza tal-lum:

*"(1) Illi in linea preliminari, l-azzjoni odjerna hi tardiva ai termini tal-Artikolu 28 tal-Kap 382 peress li jirrizulta car li l-azzjoni odjerna giet intavolata wara t-trapass ta' tletin gurnata mid-data li fiha nghata avviz li n-Nota ta' Qbid datata 4 ta' Novembru, 2015 u li ggib in-numru ta' referenza 185/2015, kienet se tigi kontestata quddiem il-Qorti Civili kompetenti, permezz tal-ittra ufficjali li gietipprezentata fit-3 ta' Dicembru, 2015 u li giet innotifikata lid-Dwana fl-10 ta' Dicembru, 2015. Ghalhekk, it-talba ghandha tigi meqjusa dezerta."*

L-artikolu 28 tal-Att dwar id-Dazju tas-Sisa (Kap 382 tal-Ligijiet ta' Malta) jipprovdi hekk -

*"28. (1) Kull min jippretendi li xi oġġett maqbud ma kellux jiġi maqbud (din il-persuna hi hawnhekk iżjed 'il quddiem f'dan l-artikolu u fl-artikolu 29 imsejħa "ir-rikorrent") għandu, fi żmien tletin jum mid-data tal-avviż tal-qbid jagħti avviż bil-miktub dwar dik it-talba lill-Kummissarju.*

*(2) Ir-rikorrent għandu, fi żmien tletin jum mid-data li fiha jkun ingħata l-avviż, jibda proċedimenti fil-qorti ċivili kompetenti biex jiġi dikjarat li dawk l-oġġetti ma kellhomx jinqabdu, u fin-nuqqas jiġi meqjus li t-talba tkun ġiet deżerta.*

[5] Fol 22
[6] Fol 26
[7] Fol 1

*(3) Avviż skont is-subartikolu (1) għandu jispeċifika l-isem u l-indirizz tar-rikorrent u, fil-każ ta' rikorrent li jkun barra minn Malta jew Għawdex, l-isem u l-indirizz ta' persuna f'Malta li ġiet awtorizzata minnu biex taġixxi bħala l-prokuratutr tiegħu u biex taċċetta kull dokument li hu meħtieġ li jintbagħat lir-rikorrent, u biex taġixxi f'isem ir-rikorrent."*

Huwa pacifiku li l-azzjoni tar-rikorrenti hija bazata fuq dan l-artikolu tal-Att. Din il-procedura hija wahda *ad hoc* bazata fuq ligi specjali u ghandha titqies bhala wahda ta' applikazzjoni stretta dan kif inghad fid-decizjoni fl-ismijiet **Joseph Azzopardi et vs Direttur Generali (Dwana) – 29 ta' Novembru 2016**[8]:

***"Ghalhekk il-Qorti ssib li mhux sodisfatta ad validitatem rrekwizit tal-Art 28(1) tal-Kap 382.***

*Fil-kawza "**Paul Bezzina vs Direttur Generali (Dwana)**" li kienet deciza minn din il-Qorti (**PA/AF**) fit-12 ta` April 2016 kienet titratta talba simili ghal din tal-lum fir-rigward tal-qbid tat-trakk Isuzu Nru LCR 865 u tal-bastiment Goldfinder li kienu involuti fl-istess incident. Hemm il-Qorti laqghet eccezzjoni preliminari skont l-Art 28 tal-Kap 382, peress li rrizulta li minkejja li kien inghata l-avviz previst mis-subartikolu (1), l-azzjoni skont is-subartikolu (2) kienet ipprezentata wara li skada t-terminu ta` tletin (30) jum. Ghalhekk il-Qorti laqghet l-eccezzjoni u ddikjarat dezerta t-talba.*

***Il-Qorti hija tal-fehma li fil-kaz tal-lum, irrizulta ben evidenti li r-rekwizit tas-subartikolu (1) ma kienx osservat. Ghalhekk l-ewwel eccezzjoni qeghda tkun milqugha.***

***Il-Qorti tghid illi l-procedura tal-lum hija ad hoc naxxenti minn lex specialis li ghandha titqies bhala of strict application. Ghalhekk ladarba d-dettami tal-ligi ma***

---

[8] Rik Gur 4/16 JZM

***kienux segwiti, l azzjoni tar-rikorrenti safejn din tirrigwarda n-nota ta` qbid bin-nru 188/2015 sejra tkun michuda."***

M'huwhiex kontestat li l-Avviz previst fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu inghata tempestivament, u cioe' fi żmien tletin jum mid-data tan-Nota ta' Qbid in dezamina stante li, kif inghad, in-Nota harget fl-4 ta' Novembru 2015 u l-avviz tar-rikorrenti li hija kienet ser tikkontesta tali qbid sar fit-3 ta' Dicembru 2015[9].

Izda ma jistax jinghad l-istess ghall-proceduri civili li inizjat ir-rikorrenti in segwitu ghal dak l-Avviz. Skont l-artikolu 28 (2) tal-Att, ir-rikorrenti kellha tibda dawn il-proceduri **fi zmien tletin jum** minn dakinhar li hija tat l-Avviz imsemmi, u cioe' **sal-4 ta' Jannar 2016** (l-ewwel jum tax-xoghol wara l-iskadenza tat-30 jum). Ma hemm ebda ombra ta' dubju li r-rikors promotur quddiem din il-Qorti gie ntavolat ferm oltre l-iskadenza ta' din id-data il-ghaliex gie prezentat fl-20 ta' Jannar 2016.

B'zieda ma dan il-Qorti taghmel ukoll referenza ghall-interpretazzjoni li tat il-Qorti ta' l-Appell Civili fid-decizjoni li kkonfermat dik appena citata fil-konfront ta' l-eccezzjoni fil-kawza ta' **Paul Bezzina vs Direttur Dwana Generali** fejn intqal dan dwar l-interpretazzjoni li ghandu jinghata t-terminu ta' tlettin (30) jum stipulat fl-artikolu 28(2): *"Lanqas ma huma accettabbli l-argumenti tal-appellant li ma setax ikollu kontroll fuq fatti li ma kienux jiddependu fuqu u dan ghaliex l-Art. 28(2) tal-Kap. 382 jipprovdi li terminu ta' tletin jum jibda jiddekorri "mid-data li fiha jkun inghata l-avviz" (sottolinear tal-Qorti)* ***u mhux mid-data li fiha jkun ricevut l-avviz.*** *"*[10]

Il-Qorti tqis li d-dicitura tal-ligi hija cara u ma thalli ebda lok ta' nterpretazzjoni: **it-termini mposti huma tassattivi u mandatorji**, indikati bit-terminologija "ghandu" (bil-verzjoni Ingliza korrispettiva tkun *"shall"*). Fin-nuqqas ta' osservanza ta' tali termini, konsegwenza wahda biss hija kontemplata mill-ligi – id-dezerzjoni tat-talba.

---

[9] Ara xhieda ta' **David Sciberras** in rappresentanza tad-Direttur tad-Dwana folio 18.
[10] Appell Civili **Paul Bezzina vs Direttur Generali Dwana** Deciz 27/01/2017 Rik. Nru. 11/16AF

Isegwi ghalhekk li l-eccezzjoni preliminari tal-intimat ghandha tigi akkolta.

Ghal kull buon fini l-Qorti tosserva li bhala prova ghal fini ta' din l-eccezzjoni r-rikorrenti prezentat kopja tal-inkartament tal-kaz Rik Nru 1081/05 fl-ismijiet **"Christopher Drago pro et noe vs Kontrollur tad-Dwana"[11].** Izda l-Qorti tqis li din il-prova ma ghandha ebda rilevanza ghall-fini tal-eccezzjoni preliminari in dezamina peress li f'dawk il-proceduri kemm l-avviz ta' Drago li kien behsiebu jikkontesta n-Nota ta' Qbid kif ukoll il-procedimenti li huwa ntavola quddiem il-Qorti saru *entro* t-terminu ta' tletin jum previsti mill-ligi.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-intimat Direttur Generali (Dwana) u tiddikjara li t-talba tar-rikorrenti permezz tar-rikors promotur tal-20 ta' Jannar 2016 hija dezerta a tenur tal-artikolu 28 tal-Kap 382 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**L-ispejjez kollha jkunu a karigu tal-istess rikorrenti.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imhallef**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**

---

[11] Fol 34 et seq